

# Il-Viżjoni tal-Għaqdiet Mużikali



**Mro Anthony Borg**
**Surmast Direttur**

Ftit tal-ġimgħat ilu ġie f'idejja sunett, li l-eks President tar-Repubblika ta' Malta, l-Avukat Anton Buttigieg kiteb fl-1956, fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb lill-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, li tagħha huwa serva għal numru kbir ta' snin bħala President.

### Lil Banda "San Gejtanu" Ħamrun

*fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena ta' għomorha*

**Anton Buttigieg**

Orpheus għadda mat-triqat tal-Greċja
Idoqq ħlewwiet tal-għaġeb bis-suffara,
U kaxkar għal warajh tad-daqq bis-seħer
Il-blat u s-siġar u l-għargħar tax-xmara.
Ja Banda SAN GEJTANU bħal Orpheus
Għaddejt timmarċja mat-triqat Maltija,
U miegħek int kaxkart, mhux blat u siġar,
'mma l-qlub li għandhom fihom l-armonija.
Ja Banda SAN GEJTANU ssokta miexja,
Naddaf il-qlub bid-daqq, naqqihom sewwa
Mill-korla, mill-mibegħda u l-ebusija,
U mliehom kollha ġmiel u sliem u ħlewwa
Issokta miexja bla ma qatt tixjieħ,
Sakemm tħobb biss it-Tajjeb u s-Sabiħ!

Għalkemm dan is-sunett, li qegħdin nirriproduċu għall-benefiċċju tal-qarrejja, inkiteb speċifikament għall-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu, inħoss li dak li ħass Buttigieg 'il fuq minn ħamsa u ħamsin sena ilu, għadu jgħodd ukoll għall-Għaqdiet Mużikali Maltin u Għawdxin illum.

F'dan is-sunett, Anton Buttigieg, filwaqt li jirrikonoxxi l-ġid kbir li wettqu matul is-snin l-għaqdiet mużikali fil-gżejjer tagħna, jurina x-xewqa tiegħu għal dawk il-valuri li fuqhom għandhom jibnu ħidmithom l-istess għaqdiet jiġifieri li jħobbu t-tajjeb u s-sabiħ. Nemmen li dawn huma l-valuri li għandhom jispiraw il-ħidma tagħna l-għaqdiet mużikali.

Nixtieq minn dawn il-kolonni nsellem il-memorja tal-membri tal-Każin li ngħaqdu mal-Ħallieq matul dawn l-aħħar tnax-il xahar, partikolarment lill-pittur Ġorġ Fenech, lis-Surmast Carmel Muscat, lil Dun Nazzareno Caruana u lis-Surmast John Mamo, li b'mod jew b'ieħor dejjem inkuraġġewni biex inkompli nagħti s-sehem tiegħi fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial.

Nixtieq inrodd ħajr lill-President Onorarju tal-Għaqda Mużikali Imperial is-Sur Joseph Bartolo tal-ħidma kbira li wettaq matul is-snin b'risq din l-istess għaqda. Kien ta' unur li tul dawn l-aħħar erbatax-il sena ħdimna flimkien biex inkomplu mmexxu l-Banda u l-Kor 'il quddiem. Nixtieq nirringrazzjah tal-appoġġ kontinwu li dejjem sibt mingħandu, matul dawn is-snin.

Xieraq ukoll li nsellem u nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew b'ieħor ta l-kontribut tiegħu biex il-Banda u l-Kor Imperial kellna sena mużikali oħra ta' suċċess. GRAZZI ĦAFNA.

Nawgura festa mill-isbaħ lil kulħadd.

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**